

# Fil-Festa 2024

**Philip Borg**

Fil-misraħ tal-knisja nġabret il-kotra
biex tidher qalb waħda f'dal-jiem daqshekk sbieħ,
għax waslet il-festa u r-raħal vetrina
għatxana biex tgawdi fil-ferħ bla mistrieħ.

It-toroq imlewna b'kull sett bandalori,
mal-pavaljuni, bradelli, tiżjin,
bil-baned jimlewna bil-marċi tal-briju
u dlonk iferrħuna, kuljum għaddejjin.

Filgħodu u flgħaxija bil-qniepen idoqqu,
b'murtali u sfafar tas-sema u tal-art,
min jaf kemm raw sogru, kemm swew ħin u ħila,
min jaf int ja mgħallem kemm flejjes kont ġbart!

Il-kotra tingħaqad għax waslet il-festa
u moda li tidher bħal poplu ferħan,
hekk sew li jitgħannqu madwar il-Mellieħa
bit-tama li x-xena mhix żiffa duħħan…

Il-birra bħal duwa li tnessi stalletti
u l-għaraq li jaħsel l-intejjen tas-snin,
għax hekk sew u xieraq ladarba tal-festa,
ħa nidhru l'aħn'aħwa qalb waħda mbewsin.

Imbagħad hemm il-knisja, bilħaqq hemm il-knisja!
Suppost hija l-qofol fis-sens reliġjuż,
għad illi għal ħafna mużew bit-teżori
bil-kotra tiftaħar bil-wirt tant glorjuż.

Imqar daqs il-fided, tiżjin u gandlieri
hemm aktar imħabba u għożż' għal xulxin,
tul sena, mhux ġimgħa, fil-misraħ, fi djarna,
imqar li ningħaqdu bħal aħwa Maltin!

Xħin tgħaddi titbandal O sbejħa Bambina,
il-kotra ċċapċaplek għall-ġmiel u t-tiżjin;
kemm iktar nixtieqha tixtarr x'qed tgħallimna
biex ngħixu ta' Nsara, bħall-aħwa henjin!

***Birkirkara***
***18.vi.2024***